# San Ġiljan u l-Armi Spiritwali

***Riflessjonijiet mill-paniġierku li niseġ Patri Victor Paul Farrugia O.Carm, f'jum il-festa nhar il-25 t'Awwissu 2017 fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan.***



**Introduzzjoni**

Liema ħlewwa fl-imħabba ta' Alla,
Liema ħniena jħobb juri l-bniedem;
Bl-isbaħ kliem isejħilhom fi ħdanu,
Bl-eħla barka jagħmilhom henjin.

Kont żagħżugħ fl-isbaħ ħolma ferrieħa
Meta d-dar ta' missierek ħallejt
Xħin ħabbarlek iċ-ċerv li għad teqred
Ħallejt dawk li rabbewk u ħabbejt.

Dawk il-qlub ġrew warajk fi mħabbithom;
Int, bla tarf, qridt ħajjithom b'idejk.
Kien il-bidu ta' ħajja qaddisa
Dak id-dmugħ li xerridt minn għajnejk.

Int xħett fuqek il-libsa tal-faqar
U batejt biex farraġt 'l-imsejknin.
Int ħennejt għall-maħqura, għall-morda,
Tajthom dar biex tar'hom miġburin.

Liema mħabba, xi ħniena, xi ħlewwa
Ma' dak l-anġlu mibgħut mill-Mulej,
Li ġie jwiegħed tron sbejjaħ fis-sema
Li ħejjielek maġenbu l-Feddej:

Int għaraft, Ġiljan Imqaddes,
L-isbaħ sejħa tas-smewwiet.
Qawwi qlubna biex bħal tiegħek
Ruħna mżejna bir-rebħiet.

Hekk imur jikteb Dun Frans Camilleri, biex fil-qosor jirrakkonta l-istorja tal-ospitalier Ġiljan, il-patrun ta' dan il-lokal kosmopolita li jġib ismu u li llum inġbarna hawn flimkien biex niċċelebraw b'solennità kbira l-festa tiegħu.

**Anniversarju speċjali: 125 sena mill-miġja tal-vara titulari**

Din hija sena speċjali għal din il-parroċċa għaliex qiegħda tiċċelebra anniversarju importanti, il-125 sena mill-miġja tal-istatwa ta' San Ġiljan, xogħol l-istatwarju Karlu Darmanin, li waslet hawn propju fit-13 ta' Awwissu 1893, u propju eżatt 125 sena wara ġiet inawgurata wara restawr intensiv biex illum nistgħu nerġgħu ngawduha fil-glorja kollha tagħha kif għamilha Darmanin.

**Iċ-ċerva**



Ejjew nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq il-patrun ta' din il-parroċċa, u nħallu lill-istatwa mill-isbaħ tiegħu tkellimna. U żgur li l-ewwel element li jiġbdilna l-attenzjoni hija ċ-ċerva li tinsab mixħuta ħdejn riġlejn Ġiljan u għajnejha jħarsu lejh. Iċ-ċerva li fl-iskrittura tissemma diversi drabi u hija simbolu ta' awtorità spiritwali. Matul ħajjitha l-qarn imsaġġar tagħha jaqa' u jerġa' jikber u għalhekk hija simbolu ta' riġenerazzjoni. Fl-immaġni Kristjana hija simbolu ta' devozzjoni u ta' Alla li jieħu ħsieb lil uliedu.

Iċ-ċerva li lil Ġiljan tibdillu ħajtu, nistgħu ngħidu għal darbtejn, u verament għalih kien simbolu ta' riġenerazzjoni. Kif tgħidilna l-istorja, Ġiljan li kien imħarreġ fil-kaċċa, darba kien qiegħed jikkaċċja ċerv kbir, u dan ħabbtu mhux ftit; kien ser jagħtih id-daqqa tal-mewt meta Ġiljan b'għaġeb kbir lemaħ lill-annimal iħares lejh, u b'leħen donnu ta' bniedem hiereġ minn fommu, iċ-ċerv qallu: *"Ieqaf, la toqtolnix! Ara x'se tagħmel u ftakar li għad jasal jum li int toqtol lil missierek u 'l ommok."* Ġiljan baqa' mibluh fih innifsu u pprova jikkonvinċi ruħu li kien qiegħed joħlom, iżda għalkemm għamel mill-aħjar, ma setax jikkonvinċi ruħu li dak li ra u sema' ma kienx minnu – dak li kien għadu kemm għadda minnu kien żgur u veru.

Nistgħu ngħidu li ċ-ċerv kien il-leħen tal-kuxjenza ta' San Ġiljan. Il-kuxjenza tagħna, li hija l-vuċi ta' Alla fil-qalb tagħna, li għandha l-kapaċità li tagħraf minn qabel il-periklu spiritwali li nkunu qed noqorbu lejh, u għalhekk tagħtina twissijiet biex nifthu għajnejna. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna: *"Fil-fond tal-kuxjenza tiegħu, il-bniedem jintebaħ b'liġi li ma tahiex hu lilu nnifsu, imma jrid jobdiha u leħinha jidwi dejjem f'waqtu f'widnejn qalbu, jgħidlu biex iħobb it-tajjeb u jagħmlu, u jżomm ruħu lura mill-ħażin. Hi liġi li l-bniedem għandu f'qalbu minquxa minn Alla. Il-kuxjenza hija ċ-ċentru l-aktar intimu*

*u l-aktar sigriet tal-bniedem, is-santwarju fejn il-bniedem hu waħdu ma' Alla u fejn Alla jsemmagħlu leħnu."* (KKK 1776)

U Ġiljan ta' żagħżugħ imrobbi tajjeb li kien, jimxi mal-pariri li tagħtih il-kuxjenza tiegħu, u jitbiegħed mill-periklu. Żgur li bata biex telaq lil ommu u lil missieru bil-moħbi, imma f'dak il-mument ta' ħajtu għaraf li dik kienet l-aħjar deċiżjoni li seta' jieħu għall-ġid tiegħu u ta' madwaru. Li nobdu l-kuxjenza tagħna mhux dejjem hija ħaġa faċli jew komda. Ħafna drabi nkunu nixtiequ nsikktuha għaliex spiss titlob sagrifiċċji kbar li jistgħu anke jweġġgħuna. Imma bħal San Ġiljan għandna nagħrfu nevalwaw tajjeb dak li Alla jibgħat jgħidilna permezz ta' nies oħra jew permezz tal-esperjenzi tagħna. Imma rridu nkunu għajnejna u widnejna miftuħa għaliex ħafna drabi Alla jkellimna permezz tal-inqas nies li nistennewha minnhom, u permezz tal-iċken esperjenzi tal-ħajja. Irridu nkunu kapaċi naqraw is-sinjali taż-żminijiet. U minkejja dan kollu u s-sagrifiċċju li dan jitlob minna, nagħmlu dak li jkun meħtieġ biex nitbiegħdu minn dak li jpoġġi fil-periklu l-ħbiberija tagħna ma' Alla.

**Suldat**

Ejjew issa nħarsu lejn il-figura ta' San Ġiljan, li Darmanin għamlu liebes ta' suldat. U dan jeħodna lejn dak li nsibu fl-Ittra ta' San Pawl lill-Efesin fejn jitkellem fuq l-armi spiritwali. San Albert, patrijarka ta' Ġerusalemm u l-awtur tar-Regula Karmelitana miktuba fil-bidu tas-seklu XIII jgħidilna: *"Ladarba l-ħajja tal-bniedem fuq l-art hija ħajja ta' tiġrib u dawk kollha li jridu jgħixu tajjeb fi Kristu jsofru t-tbatija ... għandkom tħabirku bl-akbar ħeġġa li tilbsu l-armi ta' Alla."* U dan huwa kliem li jgħodd għall-Insara kollha. *"Għax il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-setgħat, kontra l-qawwiet, kontra l-prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet."*



*"Żommu sħiħ, mela, ħażżmu ġenbejkom bil-verità u bis-safa, saħħu qlubkom bi ħsibijiet qaddisa għax hemm miktub fil-ktieb tal-Proverbji: 'Il-ħsieb qaddis iħarsek!'"* Fl-istatwa naraw il-qadd ta' San Ġiljan imħażżem. Ġiljan vittma tal-ġideb, tal-ħsibijiet qarrieqa. Tgħidilna l-istorja li l-ġenituri tiegħu kienu mixtieqa ħafna li jaraw lil binhom, u għalhekk telqu minn pajjiżhom sakemm fl-aħħar waslu fil-provinċja fejn kien gvernatur. Sabu l-kastell fejn kien jgħix u laqgħethom martu, u wara li ppreżentaw ruħhom, huma ferħu b'xulxin u tathom il-kamra tas-sodda biex jistrieħu. Meta Ġiljan kien sejjer lura l-kastell resaq

fuqu strangier li qallu li waqt li kien imbiegħed minn daru, martu daħħlitlu raġel fil-kastell u miegħu kisret il-wegħda tal-imħabba bejniethom. L-għira, li twassal lill-bniedem biex jgħawweġ il-fatti kif jaqbillu, iddaħħal is-suspetti fil-moħħ tal-bniedem.

Kemm huma qaddisa l-ħsibijiet tagħna? Jew huma ħsibijiet biss fuq l-oħrajn li mbagħad jispiċċaw f'diskors bl-addoċċ fuq dak u fuq l-ieħor? Kemm-il darba ssir ħsara b'dak li ngħidu għax ma ngħassux ilsienna, jew għax naraw xi ħaġa, jew żewġ persuni flimkien nibdew intaqtqu kif ġie ġie, qisu m'għandniex kontroll ta' lsienna, l-aqwa li nkunu għedna xi ħaġa. Forsi din hija xi ħaġa li ma tantx nagħtu kasha. San Albert, f'parti oħra tar-Regula jitkellem dwar is-skiet, u naħseb li dan nistgħu faċilment norbtuh ma' dak li qed ngħidu. Hu jgħid: *"Ta' min [il-bniedem] joqgħod attent mill-ħafna kliem żejjed għax kif hemm miktub u kif tgħallem l-esperjenza: 'Fil-kliem żejjed id-dnub ma jonqosx' u 'min ipaċpaċ kif ġie ġie, iġarrab id-deni,' ukoll: 'Min jgħid wisq, jagħmel ħsara lil ruħu.' U l-Mulej fl-Evanġelju jgħid: 'Ta' kull kelma żejda li jgħidu l-bnedmin, iridu jagħtu kont tagħha f'jum il-ħaqq.' Għalhekk, kull wieħed jagħmel miżien għal kliemu u jrażżan sewwa fommu li ma jmurx jiżloq minħabba fi lsienu, u l-waqgħa ma jqumx lura minnha sal-mewt."* Jalla, ħuti għeżież, ħsibijietna u kliemna jkunu qaddisa biex ma nweġġgħu lil ħadd anzi nedifikaw lil ħutna.



**Is-sejf**

Is-sejf jew ix-xabla għal Ġiljan kellu diversi funzjonijiet, hu li sa minn tfulitu kien imħarreġ fl-arti tal-gwerra. Wara li telaq mid-dar, il-ħila kif iħaddem ix-xabla malajr waslet f'widnejn is-sovran ta' fejn kien qed jgħix li ngaġġah fis-servizz militari. Ġie mlaħħaq fizjal u mbagħad kmandant tal-kavallerija. U għalhekk is-sejf jew ix-xabla kien jintuża waqt il-kumbattimenti u l-gwerrer. Kien jużah ukoll biex jagħti d-daqqa tal-mewt lil xi ċerva wara li jkun sparalha l-vleġeġ. Però, kien dak is-sejf li wettaq id-delitt faħxi li temm il-ħajja tal-ġenituri tiegħu. Tgħidilna l-istorja li wara li sema' dak li kellu jgħidlu l-istranġier, hu ma setax jemmen dak li sema', iżda meta mar lura lejn il-kastell u daħal fil-kamra tas-sodda lemaħ mara u raġel fis-sodda. Mitluf minn sensih u mirkub minn dagħdigħa liema bħalha, mingħajr ma qagħad jaħsibha xejn, silet ix-xabla mill-għant u qatilhom it-tnejn kif kienu reqdin. Kien dan id-delitt, il-parriċidju, li kellu jimmarka l-ħajja ta' Ġiljan.

Imma San Pawl jgħidilna li fl-armi spiritwali, is-sejf ma jwassalx għall-mewt imma għall-ħajja. *"Aqbdu x-xabla tal-Ispirtu li hi l-Kelma ta' Alla."* U Albertu fir-Regula jkompli: *"Is-sejf tar-ruħ hu l-Kelma ta' Alla; ħa tgħammar bil-kotra fil-fomm u fil-qalb tagħkom u kulma tagħmlu, agħmluh skont il-Kelma tal-Mulej."*

Il-kelma ta' Alla li hija l-qies tal-ħajja Nisranija tagħna, li tgħinna nqaċċtu s-sikrana, dak kollu li mhux ta' Alla mill-ħajja tagħna. Imma biex dan iseħħ irridu nkunu midħla tagħha, irridu nkunu nafu xi tgħid. U għalhekk, ejjew nistaqsu b'mod sinċier: Kemm nafu xi tgħid il-Kelma ta' Alla? Jew forsi hija biss Ktieb mal-oħrajn li għandna fl-ixkafef tad-djar tagħna, jew hija biss kelma li nisimgħu meta mmoru għal xi quddiesa? Jekk din hi l-Kelma ta' Alla, allura qed nitilfu ħafna, għaliex il-Kelma ta' Alla hija ħajja, minkejja li nkitbet eluf ta' snin ilu, imma xorta għadha attwali. U għalhekk din il-kelma rridu nħalluha tniggiżna, u tisfidana fil-ħajja tagħna, biex jekk ħriġna xi ftit mit-triq nerġgħu nidħlu fiha. San Pawl għal din il-kelma vvjaġġa u terraq biex iwassalha lil kulħadd u għalhekk jasal biex jikteb dan il-kliem fl-Ittra lill-Efesin. Ġiljan, għax kien imrobbi tajjeb, meta rrealizza li dak li għamel kien imur kontra l-Kelma u l-Liġi ta' Alla talab il-ħniena ta' Alla. Minkejja li kien żball ma qagħadx jiġġustifika lilu nnifsu, jew jivvittimizza lilu nnifsu kif jagħmlu ċerti nies li dak li jiġri qatt ma hu tort tagħhom, imma refa' r-responsabbiltà ta' għemilu, imdawwal mill-istess Kelma. Għax il-Kelma hija dik li tgħinna nagħrfu min hu Ġesù li bħala Nsara jrid ikollna relazzjoni personali miegħu fi ħdan il-Knisja. Kristu li jrid ikun preżenza ħajja u reali fil-ħajja tagħna. Fl-Angelus tat-8 ta' Lulju tal-2018, il-Papa Franġisku jiftħilna għajnejna u jgħid: *"Ħafna mgħammdin jgħixu qisu Kristu ma jeżistix: itennu l-ġesti u s-sinjali tal-fidi, imma ma' dawn m'hemmx marbuta dik ir-rabta speċjali mal-persuna ta' Ġesù u l-Evanġelju tiegħu. Kull Nisrani – aħna lkoll – hu msejjaħ biex jidħol fil-fond ta' din l-appartenenza fundamentali, u jfittex li jagħti xhieda tagħha bi stil ta' ħajja koerenti, li ċ-ċentru tagħha dejjem ser tibqa' l-karità."* Mingħajr ir-relazzjoni tiegħi ma' Ġesù bil-fidi ma' jiswa xejn dak li jien nagħmel, għax in-nuqqas ta' fidi huwa ostaklu għall-grazzja ta' Alla, u jiena nibda nsir iċ-ċentru, kollox jibda jdur miegħi, jiena nsir il-protagonist. Dan imur kontra dak li għallem u għex Ġesù, li għex dak li pprietka u għallem, għax ma jagħmilx sens li jiena nipprietka mod u ngħix mod ieħor, għax id-dinja li qed ngħixu fiha m'għandhiex bżonn teatrini; għandna biżżejjed. Id-dinja u s-soċjetà tagħna għandhom bżonn xhieda awtentika; Insara, li jgħixu l-kelma fil-ħajja tagħhom ta' kuljum billi jagħmlu dak li qiegħed jitlob minnhom Alla fis-sempliċità ta' ħajjithom.

**Il-kurazza**

Fl-aħħar nett, il-kurazza: *"Ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja, sabiex tħobbu lill-Mulej Alla tagħkom b'qalbkom kollha, b'ruħkom kollha u bil-ħila kollha u 'l-proxxmu tagħkom bħalkom infuskom."* Din hi l-kurazza li fil-ħajja militari lil Ġiljan kienet iddefendietu kontra l-vleġeġ u xi daqqa ta' xabla, imma hi wkoll il-kurazza spiritwali li għenet lil Ġiljan biex wara dak id-delitt jintefa' b'ruħu u ġismu għas-servizz u l-imħabba ta' Alla fis-servizz u l-imħabba ta' ħutu l-bnedmin. Kif tgħidilna l-istorja: Huwa flimkien ma' martu, li ma riditx tħallih waħdu, qassam ġidu kollu lill-foqra, iċċaħħad mit-titoli u l-privileġġi li kien igawdi, ħalla l-kastell u beda jiġġerra minn pajjiż għal ieħor, fejn flimkien għexu ħajja safja jagħmlu attijiet ta' ħniena u karità bla ma kellhom biss fejn imiddu rashom, kienu suġġetti għall-ġuħ, kesħa u sħana qalila, iġġerrew qalb il-muntanji, widien u msaġar. Ġiljan bata kemm felaħ u ħejja

ruħu biex ibati iżjed għaliex kien jemmen, li jbati kemm ibati qatt ma seta' jħallas għad-dnub faħxi li, għalkemm bla ħtija, kien għamel. Dawn il-qaddisin iħalluna b'ħalqna miftuħ quddiem ir-realtà ta' ħajjithom. Ġiljan li ma vvittimizzax ruħu imma ħares 'il quddiem u ra kif jista' jkun ta' għajnuna għal ħaddieħor. Emmen li Alla jista' jikteb dritt fuq il-linji mgħawġin tal-ħajja tiegħu. Imma forsi dan ma kienx biżżejjed għaliex meta waslu ħdejn xmara fejn bosta vjaġġaturi kienu tilfu ħajjithom meta ppruvaw jaqsmuha, qatagħha li flimkien ma' martu jgħix hemm iġorr il-vjaġġaturi lejl u nhar b'dgħajsa li kien kiseb minn naħa għall-oħra. U dan fetaħ għal Ġiljan orizzonti ġodda, il-qasma tal-karità, kien żmien ta' mard u epidemiji. Diversi nies imnikkta kienu jmorru għandu kif ukoll diversi pellegrini li kienu jivvjaġġaw minn post għal ieħor, biex jitolbuh il-pariri kif ukoll l-għajnuna. Minn qattiel, għal għajnejn diversi nies li kienu jafu x'għamel, għal dawn in-nies Ġiljan isir tabib, lilu kienu jsibu għall-pariri u għall-għajnuna, u fih kienu jsibu l-faraġ tal-ġisem u tar-ruħ.



Dan huwa l-mod kif jaħdem Alla fil-ħajja tal-bniedem, Alla li qatt ma jaqta' qalbu minna, imma jrid li aħna nikkoperaw mal-grazzja tiegħu, inkunu bnedmin disponibbli, ikollna qalbna miftuħa għalih. X'differenza minn kif jirraġuna l-bniedem li jgħix fil-preġudizzju u fil-kundanna, u ħafna drabi ħadd ma jsalva minn taħt idejh. Kemm hemm bżonn inbiddlu l-mod ta' kif naħsbuha, kemm hemm bżonn nagħrfu kif verament għandna nħobbu bis-serjetà u nergħu niskopru verament xi tfisser il-kelma, imħabba. Kristu wriena dan meta ntrefa' fuq is-salib, u Ġiljan kien lest li jingħata kollu kemm hu għall-oħrajn, huma min huma. U jiena x'lest li nagħmel?

Għal Ġiljan dan ma kienx biżżejjed, issa beda jmur dar dar iżur il-morda u jfarraġ lil dawk li l-mewt kienet daħlet fi djarhom. Dan wasslu biex jirrealizza n-nuqqas ta' kura li kienet teżisti u l-ħmieġ li kienu jgħixu fih. X'jagħmel Ġiljan? Imur għand l-għonja biex jiġbor il-flus biex jibni sptar qrib ix-xmara. L-isptar jinbena u jimtela u Ġiljan ikompli ħajtu jżur il-morda, jgħin lill-foqra, ifarraġ l-imnikktin, iġorr il-vjaġġaturi tul ix-xmara, jagħti l-għajnuna lil dawk kollha li kienu jitolbuh, isum u jitlob il-ħin kollu maħfra tad-dnub li kien għamel. Dan kollu jfakkarna f'dak li jgħid Ġesù fil-Vanġelu skont San Mattew kapitlu 25, dak li s-sultan isaqsi fil-ġudizzju u dak li tgħallimna l-Knisja f'dawk magħrufa bħala l-opri tal-ħniena. Għalhekk, il-qaddisin huma persuni li qatt ma jgħaddi żmienhom, Ġiljan huwa, *A man for all seasons, for all times*, bniedem għal kull żmien. U għalhekk il-Knisja ma tegħja qatt tippreżentalna persuni li għexu dan kollu fuq il-passi ta'

Kristu biex aħna jkollna mudelli fuqiex infasslu ħajjitna u ngħixu l-ħajja Nisranija tagħna b'awtentiċità.

**Il-parroċċa**

Għalhekk issa glorja lilek
Lkoll ngħajtu ferħanin:
Evviva d-difensur tagħna
Fost il-għaqda ta' xuxlin
Evviva l-appostlu tal-morda
Protettur tal-Ġiljanin.

L-istoriku Achille Ferris jgħid li l-ewwel knisja ddedikata lil San Ġiljan inbniet fuq l-art li llum nafuha bħala l-Isla, fl-1311. Post, fejn meta ġew il-Kavallieri għażluh għall-kaċċa. Il-Gran Mastru L'Isle Adam bena mill-ġdid din il-knisja fl-1539.

Qrib l-1580 twaqqfet knisja oħra ddedikata lil dan il-qaddis, f'raħal ta' sajjieda li kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birkirkara, minn xi kavallieri li ġew f'dawn l-inħawi għall-kaċċa. Bil-mod il-mod dan il-post beda jissejjaħ għall-knisja li kellu f'nofsu u għalhekk din il-knisja tat l-isem ta' San Ġiljan lil dan il-lokal fejn qegħdin.



Din l-istess knisja reġgħet ġiet imtellgħa fl-1682, u minħabba 'l bogħod li kellhom għal Birkirkara, in-nies ta' San Ġiljan talbu lill-Mons. Publiju Maria Sant biex issir viċi parroċċa, xewqa li seħħet fl-1849. Billi l-popolazzjoni bdiet tikber inħasset il-ħtieġa li din il-knisja terġa' titkabbar. Ix-xogħol beda f'Awwissu tal-1852, u tbierket fl-20 ta' Frar 1853. Fl-1854 il-Ġiljaniżi għamlu talba biex il-knisja tagħhom titgħolla għad-dinjità ta' parroċċa, issa li l-popolazzjoni kienet kibret sew, talba li sabet diversi oġġezzjonijiet. Iżda din it-talba ntlaqgħet 37 sena wara meta l-Isqof Pietru Pace b'digriet tal-1 ta' Settembru 1891, għamel lil San Ġiljan bħala parroċċa awtonoma, bl-ewwel kappillan Dun Ġużepp Xerri.

Issa l-lokal ta' San Ġiljan beda jikber u bdiet tinħass il-ħtieġa ta' knisja akbar. Kien propju nhar id-9

ta' Lulju 1961, meta l-Arċisqof Mikiel Gonzi poġġa l-ewwel ġebla ta' knisja parrokkjali ġdida, fi żmien il-Kappillan Dun Guido Calleja. Knisja li nbniet fuq pjanta tal-Perit Arturo Zammit. Kien Ħadd il-Palm tal-1968 meta l-knisja fetħet il-bibien għall-pubbliku u ġiet imbierka mill-Arċisqof. Kienet ikkonsagrata fis-17 ta' Diċembru 1978.

Knisja bi stil differenti minn dawk li mdorrijin bihom f'dawn il-ġżejjer, li fiha laqgħet lill-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II, propju fl-ewwel żjara pastorali tiegħu f'dawn il-ġżejjer fl-1990, fejn hawn huwa ltaqa' mal-intellettwali. Knisja li f'dawn l-aħħar xhur bit-tisbiħ li sarilha saret post fejn wieħed ikun jista' mhux biss jiċċelebra aħjar imma wkoll iħossu aktar miġbur fit-talb u qrib ta' Alla.

**Konklużjoni**

Għalhekk, maħbubin Ġiljaniżi, ejjew f'dan il-jum għażiż u solenni nsammru ħarsitna lejn l-istatwa ta' San Ġiljan li llum kellmitna f'dan l-anniversarju tal-125 sena mill-miġja tagħha f'dan ir-raħal u wkoll fil-50 sena mill-miġja tagħha f'din il-knisja, u nitolbu lill-Patrun ta' dan il-lokal, li għandu bżonn nifs ġdid, nifs aktar uman. Nitolbuh jieqaf magħna u jgħallimna bl-eżempji sbieħ tiegħu biex nixbhuh, għax dan hu l-akbar rigal li nistgħu nagħtuh f'din il-festa.

Bierek, O Ġiljan, lill-Knisja f'Malta, lill-Arċisqof u lill-Isqof Awżiljarju, u agħmel li tkun Knisja li bla biża' xxandar il-verità u tkun qrib il-bniedem fil-bżonn, tgħożż il-ħajja bl-imħabba u l-ministri tagħha jkollhom r-riħa tan-nagħaġ.

Bierek lil dan il-lokal, imma wkoll lil Malta tagħna, u tħalliha qatt titbiegħed mit-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu.

Bierek lill-mexejja tagħna, biex id-deċiżjonijiet li jieħdu jkunu dejjem skont il-qalb ta' Kristu u favur il-ħajja tal-bniedem mill-bidu sat-tmiem ta' ħajtu.

Bierek lil din il-parroċċa, 'il-Kappillan, 'il-kleru u 'l-għaqdiet kollha tagħha; agħmel li tkun parroċċa li ma tibżax twassal lil Kristu kullimkien u l-valuri tad-dinjità tal-bniedem.

U għalhekk ngħollu leħinna b'għajnejna mxarrbin bid-dmugħ u bil-qalb intennulek dawn il-kelmiet ħerġin mill-qalb, għanja li nixtiequ li tinstema' mal-erbat irjieħ mhux biss ta' San Ġiljan imma ta' Malta, li tixhed l-imħabba tagħna lejk, għalhekk bil-qalb u bl-imħabba ntennulek:

Lil Ġiljan bniedem tas-sema
aħna nsellmu bl-akbar ġieħ
minn għajnejna toħroġ demgħa
meta n-nies tifħir tagħtih.

Int dawwalt il-pajjiż tagħna
inti xgħelt il-poplu wkoll
żelu kbir ta' pura mħabba
l-imrar kollu int mort tħoll.

Sptar ċkejken inti mort tiftaħ
ħniena kbira b'hekk urejt
int fejjaqt ħafna mard ikrah
u bl-imħabba n-nies imlejt.

Aħna lkoll miegħek induru
u noffrulek kull tifħir
aħna mħabba lilek nuru
meta talbna lejk itir.

Aħna wkoll madwarek qiegħda
għarkupptejna nitolbuk
li l-ħżunija minna tbegħedha
biex fis-sema ngawduk.

Magħqudin ilkoll ħsieb wieħed
bukkett ċkejken aħna ntuk
minn ġo qalbna dan jittieħed
qima kbira b'hekk nuruk.

**VIVA SAN ĠILJAN!**